MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2005

Appell Civili Numru. 10/2005/1

**Professur Anthony Jaccarini B.Sc., B.Pharm., M.D., M.A. (Oxon), B.Sc. (London), Ph.D. (London), F.R.S.C., C.Chem.**

**v.**

**Il-Prim Ministru, l-Avukat Generali, Il-Ministru tal-Gustizzja u l-Intern,**
**ir-Rettur ta' l-Universita` ghan-nom u in rappresentanza**
**ta' l-istess Universita`, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni,**
**l-ex-Imhallef Dottor Albert Manche` fil-kwalita` tieghu**

**ta' *Chairman* tal-Kummissjoni Permanenti tal-Korruzzjoni (recte: Kummissjoni Permanenti kontra l-Kummissjoni) kif ukoll ghan-nom u in rappresentanza ta' l-istess Kummissjoni Permanenti tal-Korruzzjoni (recte: Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni), kif ukoll John Harrison u l-Avukat Dott. Raymond Zammit fil-kwalita` taghhom ta' membri tal-Kummissjoni Permanenti tal-Korruzzjoni (recte: Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni)**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell minn digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostutizzjonali u konvenzjonali taghha, fl-20 ta' Gunju 2005 li permezz tieghu cahdet talba maghmula b'rikors tal-Professur Anthony Jaccarini tas-16 ta' Mejju 2005[1] sabiex dik l-istess Qorti *"…tikkunsidra mill-gdid [id-]digriet taghha tal-**11 ta' Mejju 2005**, tirrevokah contrario imperio…"* u tilqa' s-sottomissjoni ta' l-istess rikorrent li l-ewwel u qabel kollox dik il-Qorti kellha takkolji t-talba tieghu fl-intier taghha ghall-*interim measure* kif minnu proposta kemm fir-rikors promotorju ta' l-azzjoni kif ukoll fir-rikors presentat kontestwalment ma' dak ir-rikors promotorju.

2. Ghall-ahjar intendiment ta' dan il-provvediment, din il-Qorti tosserva li fir-rikors promotorju kif ukoll f'rikors iehor presentat kontestwalment ma' dak l-istess rikors promotorju, ir-rikorrent Professur Anthony Jaccarini talab, allegatament biex jigu kawtelati d-drittijiet kostituzzjonali u konvenzjonali tieghu, dak li huwa sejjah "interim measure" jew "interim relief" konsistenti bazikament filli l-ewwel Qorti jew tordna li huwa jkollu access liberu u minghajr

[1] Mhux "27 ta' Mejju 2005" kif erroneament indikat fid-digriet. Id-data tas-27 ta' Mejju 2005, li tidher bit-timbru *in calce* a fol. 124, hija presumibbilment id-data meta sar il-hlas ghal notifika.

kundizzjoni ghall-atti kollha ta’ dik li huwa jsejjah “kawza” li nstemghet mill-Kummissjoni intimata u liema “kawza” kienet iggib in-numru 139, jew alternattivament li dawn l-atti jigu ssigillati minn ufficjal tal-Qorti u trasferiti mill-ufficcju tal-Kummissjoni intimata ghall-kustodja u pussess tal-Qorti, u li jigu annessi ma’ l-atti ta’ din il-kawza kostituzzjonali (ara fol. 29, 30 u 36).

3. B’digriet datat 23 ta’ Frar 2005 (ara d-digriet a fol. 37, moqri flimkien mat-talbiet kif proposti a fol. 36) l-ewwel Qorti effettivament laqghet it-talba jew talbiet tar-rikorrent limitatament fis-sens “illi l-Marixxall taghha jiehu pussess ta’ l-atti kollha [tal-‘kawza’ nurmu 139] kawtelatorjament u jallegahom mal-atti ta’ din il-kawza, u sussegwentement tisma’ lill-partijiet kollha koncernati fuq dan il-punt sabiex il-Qorti tkun tista’ tiddeciedi fuqu definittivament” – din kienet il-lokuzzjoni adoperata fit-tielet talba li giet milqughha bid-digriet imsemmi tat-23 ta’ Frar 2005. F’dan id-digriet dik il-Qorti laqghet ukoll ir-raba’ talba (fir-rikors, mhux dak promotorju, izda dak presentat kontestwalment mieghu) – din ir-raba’ talba, pero`, ma hi ta’ ebda relevanza ghall-finijiet ta’ l-appell odjern – filwaqt li dwar l-ewwel zewg talbiet irrizervat li tipprovdi fi stadju ulterjuri.

4. Fil-25 ta’ Frar 2005 gie presentat rikors iehor mill-Professur Jaccarini, liema rikors, pero`, ghalkemm konness mat-talba ghall-“interim measure” jew “inreim relief”, ma hux strettament relevanti ghall-finijiet ta’ l-appell in dizamina. Fl-udjenza tal-4 ta’ April 2005, tnejn mill-avukati ta’ l-intimati -- Dott. Anthony Ellul ghall-Kummissjoni u d-Deputat Avukat Generali Dott. Peter Grech ghall-intimati l-ohra kollha hlief ghar-Rettur ta’ l-Universita` -- talbu li l-Qorti “tiddeciedi l-ewwel jekk ir-rikorrenti kellux mezzi ohra ordinarji ghad-disposizzjoni tieghu u jekk l-Artikoli citati fir-rikors promotur humiex applikabbli ghal sitwazzjoni ta’ investigazzjoni bhal ma jipprovdi ghaliha l-Kap. 326, dan b’referenza partikolari ghall-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni”. Id-difensuri tar-rikorrent (illum appellant), apparti li attiraw l-attenzjoni tal-Qorti li l-eccezzjoni tan-non-ezawriment tar-rimedji ordinarji kienet giet sollevata

biss mill-Kummissjoni, insistew bazikament li dik il-Qorti kellha l-ewwel u qabel kollox tiehu konjizzjoni tat-talbiet taghhom ghal “interim measure” qabel ma tiehu konjizzjoni ta’ kwalsiasi eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati.

5. B’digriet tal-11 ta’ Mejju 2005, l-ewwel Qorti iddecidiet hekk: *“Rat in-noti tal-partijiet u filwaqt li tapprezza l-importanza ta’ l-hekk imsejha* interim measures *billi f’dan il-kaz dawn il-mizuri gia` ttiehdu in parte u certament m’hemmx biza’ li l-provi jigu b’xi mod perikolati, tilqa’ t-talba ta’ l-intimati u ghalhekk ser tiddeciedi l-ewwel jekk ir-rikorrenti kellux mezzi ohra u jekk l-Artikoli imsemmija fir-rikors promotur humiex applikabbli ghall-kaz in kwistjoni.”* (ara fol. 123). In segwitu ghal dan il-provvediment, ir-rikorrent appellant ippresenta r-rikors tieghu tas-16 ta’ Mejju 2005 (gja` msemmi aktar ’l fuq – ara paragrafu nru. 1, *supra*). Kif inghad, b’digriet tal-20 ta’ Gunju 2005 l-ewwel Qorti cahdet din it-talba ghar-rikonsiderazzjoni u ghar-revoka *contrario imperio* tad-digriet tal-11 ta’ Mejju 2005.

6. L-appellant appella min dan id-digriet tal-20 ta’ Gunju 2005. Fir-rikors ta’ appell tieghu huwa jinvoka l-Artikolu 229(3) tal-Kap. 16. In fatti, konformement mas-subartikolu (3) ta’ l-imsemmi Artikolu 229, ir-rikorrent, permezz ta’ rikors tal-20 ta’ Gunju 2005 (fol. 135), talab l-awtorizzazzjoni ta’ l-ewwel Qorti biex jappella, u l-Prim Awla, permezz ta’ digriet moghti fl-udjenza tat-22 ta’ Gunju 2005 (fol. 136), laqghet din it-talba.

7. Ir-rikors ta’ appell gie intavolat fit-28 ta’ Gunju 2005. Fir-risposta taghhom ghal dan ir-rikors, ic-*Chairman* tal-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni kif ukoll l-istess Kummissjoni eccepew fl-ewwel lok in-nullita` tar-rikors ta’ appell. Skond huma, ma hux moghti dritt ta’ appell mid-digriet tal-20 ta’ Gunju 2005, izda se mai kien appellabbli id-digriet tal-11 ta’ Mejju 2005. Fl-udjenza tal-24 ta’ Ottubru 2005 din il-Qorti iddifferiet l-appell ghal provvediment dwar din il-pregudizzjali.

8. Minn qari akkurat tad-diversi disposizzjonijiet ta’ l-imsemmi Artikolu 229, ma hemmx dubju li din l-eccezzjoni sollevata mic-*Chairman* tal-Kummissjoni u mill-istess Kummissjoni, ghadha tigi akkolta, u dan ghar-ragunijiet segwenti. Id-digriet tal-**11 ta’ Mejju 2005** la kien wiehed li jaqa’ taht is-subartikolu (1) u lanqas wiehed li jaqa’ taht is-subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 229. Konsegwentement dan id-digriet tal-**11 ta’ Mejju 2005** kien appellabbli, bil-permess specjali tal-Qorti, skond l-is-subartikolu (3) ta’ l-Artikolu 229. Izda d-digriet tal-**20 ta’ Gunju 2005** kien in effetti “digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba ghar-revoka jew emenda ta’ digriet” – paragrafu (k) ta’ l-Art. 229(1) – u konsegwentement kien digriet li, fi kliem l-istess subartikolu (1), seta’ “jsir biss wara l-ghoti ta’ sentenza definittiva”, u anqas seta’ tali digriet jigi kontestat qabel ma tinghata s-sentenza definittiva. Galadarba r-rikorrent ghazel, flok ma jappella (dejjem bil-permess specjali tal-Qorti) mid-digriet tal-11 ta’ Mejju 2005 skond is-subartikolu (3), li jitlob lill-ewwel Qorti sabiex din tikkonsidra mill-gdid id-decizjoni taghha skond is-subartikolu (4), ma jistax issa jappella minn dak id-digriet ta’ “rikonsiderazzjoni” – f’dan il-kaz, mid-digriet tal-20 ta’ Ginju 2005 – proprju ghax dan id-digriet jaqa’ taht il-paragrafu (k) imsemmi u ghalhekk mhux appellabbli hlief wara s-sentenza definittiva. Huwa inutili ghall-appellant li jipprova jargumenta, kif ghamel wiehed mill-abbili difensuri tieghu fl-udjenza tal-24 ta’ Ottubru 2005, li hawn finalment si tratta ta’ talba ghal “interim measure”: l-appell sar mid-digriet ta’ “rikonsiderazzjoni” tal-20 ta’ Gunju 2005, liema digriet kien, ghar-raguni li ghadha kif giet spjegata, inappellabbli f’dana l-istadju. L-ewwel Qorti zbaljat meta tat il-permess specjali taghha skond is-subartikolu (3) ta’ l-imsemmi Artikolu 229 sabiex isir appell ghax kien hemm l-ostakolu car tas-subartikolu (1), u hija ma setghetx tawtorizza appell fejn il-legislatur kjarament eskludih.

9. Huwa appena necessarju jinghad li ghalkemm l-eccezzjoni tan-nullita` tar-rikors ta’ appell, minhabba n-non-appellabilita` tad-digriet ta’ l-20 ta’ Gunju 2005, giet sollevata biss mic-*Chairman* tal-Kummissjoni u mill-istess Kummissjoni, din, essendo eccezzjoni li wara kollox hija

anke sollevabbli *ex officio* mill-istess Qorti, jekk tintlaqa' -- kif effettivament sejra tintlaqa' -- taffettwa l-appell kollu kemm hu u ghalhekk anke fil-konfront ta' l-appellati l-ohra kollha.

10. Ghall-motivi premessi, tilqa' l-pregudizzjali sollevata mic-*Chairman* tal-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni kif ukoll mill-istess Kummissjoni, tiddikjara l-appell tal-Professur Anthony Jaccarini tat-28 ta' Gunju 2005 irritu u null, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu, u tordna li l-atti jintbaghtu lura lill-ewwel Qorti sabiex din tkompli tisma' l-kawza skond il-ligi. L-ispejjez ta' dan l-incident jithallsu mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------